VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,465, 8 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 126 tal-2025

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Filtri tat-Tabakk li fihom il-Plastik)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Filtri tat-Tabakk li fihom il-Plastik).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jipprovdu għar-rekwiżiti tal-Artikolu 8 tad-Direttiva fir-rigward ta' prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fuq is-suq għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"Awtorità" jew "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif imwaqqfa bl-artikolu 6 tal-Att;

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif imwaqqaf fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Direttiva" tfisser Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent;

"Diviżjoni" tfisser id-Dipartiment ta' Tindif u Manutenzjoni kif imwaqqaf fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"ġbir" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart; L.S. 549.63.

"organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur" jew "PRO" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur;

L.S. 549.141.

"plastik" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

L.S. 549.149.

"prodott tal-plastik li jintuża darba biss" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

L.S. 549.149.

"prodotti tat-tabakk" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati;

L.S. 315.10.

"produttur" tfisser:

(a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta li timmanifattura jew timporta professjonalment, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, u li tqiegħed fis-suq ta' Malta l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fl-Iskeda 1; jew

L.S. 378.17.

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru wieħed (1) jew f'pajjiż terz li professjonalment tbigħ f'Malta direttament lil djar privati jew lil utenti għajr djar privati, permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fl-Iskeda 1;

L.S. 378.17.

"skart" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

L.S. 549.63.

"tqegħid fis-suq" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

L.S. 549.149.

"trattament" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

L.S. 549.63.

3. F'każ ta' kunflitt bejn kwalunkwe mid-dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, ir-Regolamenti dwar l-Iskart jew ir-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, għandhom jipprevalu dawn ir-regolamenti. Kunflitt bejn ir-regolamenti. L.S. 549.43. L.S. 549.63. L.S. 549.141.

4. (1) Produtturi li jqiegħdu fis-suq f'Malta l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fl-Iskeda 1, għandu jkollhom ir-responsabbiltà estiża tal-produttur skont ir-Regolamenti dwar Qafas tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur. Responsabbiltà estiża tal-produttur. L.S. 549.141.

(2) Produtturi stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u li jqiegħdu tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fis-suq f'Malta għandhom jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbliti f'dawn ir-regolamenti fit-territorju ta' Malta:

Iżda tali ħatra għandha ssir permezz ta' mandat bil-miktub kif misjub fl-Iskeda 2.

(3) Produtturi stabbiliti f'Malta li jbigħu tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fi Stat Membru ieħor fejn il-produttur mhuwiex stabbilit, għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat f'dak l-Istat Membru ieħor. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun il-persuna responsabbli għat-twettiq tal-obbligi ta' tali produttur fit-territorju tal-Istat Membru l-ieħor skont il-liġi nazzjonali tal-imsemmi Stat Membru li jimplementa d-Direttiva.

(4) Il-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 għandhom ikopru mill-inqas l-ispejjeż li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu għarfien stabbiliti fir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss; L.S. 549.149.

(b) l-ispejjeż sabiex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn tali prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' tali rimi bl-addoċċ;

(ċ) l-ispejjeż tal-ġbir u r-rappurtar tad-data skont ir-regolament 6(3)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur; u L.S. 549.141.

(d) l-ispejjeż għall-ġbir ta' skart għal tali prodotti li huma mormija fis-sistemi ta' ġbir pubbliku, inkluż l-insfrastruttura u l-operat tagħha u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' tali skart.

L-ispejjeż jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' infrastruttura speċifika għall-ġbir tal-iskart ta' dawk il-prodotti, bħal reċipjenti tal-iskart f'postijiet komuni ta' skart.

(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-regolament b'mod kosteffiċjenti, il-produtturi u r-rappreżentanti awtorizzati għandhom iwettqu l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur kollettivament u għal dak il-għan, għandhom iwaqqfu organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur li għandha tkun awtorizzata skont ir-regolament 7, li tkopri l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 u t-territorju kollu ta' Malta. Tali organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur għandha tippermetti li l-produtturi u r-rappreżentanti awtorizzati kollha jwettqu l-obbligi tar-responsabbiltà tal-produttur taħt kondizzjonijiet mhux diskriminatorji:

Iżda jekk:

(a) tali PRO ma tiġix imwaqqfa u awtorizzata skont ir-regolament 7 fi żmien sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) l-awtorizzazzjoni tal-PRO awtorizzata tiġi revokata u ma jkunx hemm PRO ġdida mwaqqfa skont ir-regolament 7 fi żmien sitt (6) xhur minn meta d-deċiżjoni li tirrevoka l-awtorizazzjoni tkun ġiet notifikata mill-Awtorità; jew

(ċ) il-PRO awtorizzata tonqos milli tkopri l-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (4) f'isem il-membri tagħha,

l-Awtorità tista' talloka l-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (4) lil produtturi skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament u skont is-sehem tagħhom fis-suq. F'tali każijiet, l-Awtorità tista' tikkummissjona studji bi spejjeż tal-produtturi, sabiex tikkwantifika tali spejjeż jew parti minnhom:

Iżda wkoll l-Awtorità tista' testendi l-perjodu ta' sitt (6) xhur b'massimu ta' sitt (6) xhur addizjonali.

(6) Sabiex tkopri l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (4) f'isem il-produtturi tagħha, l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha torganizza u, jew tiffinanzja kampanji ta' informazzjoni effettivi u kampanji li jqajmu għarfien sabiex tinċentivizza mġiba responsabbli tal-konsumatur u tinforma lill-konsumaturi skont ir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur:

L.S. 549.149.

Iżda f'każ li organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur tiffinanzja kampanji organizzati minn

entitajiet oħra, l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti minn tali organizzazzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kollha kkonċernati:

Iżda wkoll tali kampanji għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazjoni minn qabel mill-Awtorità.

(7) Sabiex tkopri l-ispejjeż stabbiliti fil-paragrafi (b) u (d) tas-subregolament (4) f'isem il-produttur tagħha, l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji permezz ta' ftehim bil-miktub mad-Diviżjoni u d-Dipartiment:

(a) għall-finanzjament ta' reċipjenti tal-iskart adegwati għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 fit-territorju ta' Malta, partikolarment f'postijiet komuni ta' rimi bl-addoċċ, liema spejjeż għandhom jinkludu l-infrastruttura u l-operat tagħha u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' tali rimi bl-addoċċ; u

(b) għall-finanzjament tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' tali rimi bl-addoċċ:

Iżda tali ftehimiet bil-miktub għandhom jistabbilixxu *inter alia* t-termini għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti ta' tali kontribuzzjonijiet finanzjarji minn organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur, liema termini għandhom jiġu debitament notifikati lill-Awtorità fi żmien xahar (1) mill-konklużjoni tal-imsemmi ftehimiet bil-miktub.

(8) L-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (7) ma għandhomx jeċċedu l-ispejjeż neċessarji sabiex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-Awtorità, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur rilevanti, id-Diviżjoni u, jew id-Dipartiment u kwalunkwe attur ieħor ikkonċernat:

Iżda l-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (7)(b) għandhom ikunu limitati għall-attivitajiet imwettqa mill-Kunsilli Lokali, mid-Diviżjoni jew f'isimhom:

Iżda wkoll il-metodu ta' kalkolu għandu jiġi żviluppat b'mod li jippermetti għall-ispejjeż ta' tindif ta' rimi bl-addoċċ li għandhom jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat, għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-proposti tal-kalkolu tal-tali spejjeż sottomessi lill-

Awtorità skont ir-regolament 7 u kwalunkwe linji gwida ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva.

(9) Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi, l-Awtorità f'konsultazzjoni mal-entitajiet li huma msemmija f'dan is-subregolament, jistgħu jiddeterminaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-ispejjeż ta' tindif ta' rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxu ammonti fissi multiannwali xierqa.

Reġistrazzjoni tal-produtturi.

5. (1) Produtturi jew rappreżentanti awtorizzati ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 li jqiegħdu tali prodotti fis-suq f'Malta, għandhom japplikaw sabiex ikunu reġistrati mal-awtorità kompetenti u mar-reġistrazzjoni dawn għandhom jingħataw numru ta' reġistrazzjoni. Il-produtturi għandhom jagħmlu n-numru ta' reġistrazzjoni viżibbli b'mod ċar fuq il-fatturi tal-pagamenti u l-irċevuti fiskali:

Iżda l-produtturi li diġà għandhom numru ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, għandhom jingħataw numru ta' reġistrazzjoni uniku li jidentifikahom bħala produtturi tal-ippakkjar jew ta' prodotti li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1, jew bħala produtturi ta' wieħed minn dawn, kif applikabbli:

L.S. 549.43.

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tintegra tali informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi msemmi fir-regolament 20 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

L.S. 549.43.

(2) Il-produtturi rreġistrati skont is-subregolament (1) għandhom iġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom mal-awtorità kompetenti fuq bażi annwali, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena:

Iżda mill-1 ta' April ta' kull sena l-awtorità kompetenti għandha taċċetta tiġdid sa tmiem is-sena kif soġġett għall-ħlas tad-dritt addizzjonali ta' sebgħin euro (€70) kull xahar jew parti minnu, flimkien mad-drittijiet preskritti fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3).

(3) L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid minn produttur għandha:

(a) issir online jew bil-miktub;

(b) tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmi fl-Iskeda 4; u

(ċ) tkun akkumpanjata bid-dritt ta' għaxar euro (€10) għar-reġistrazzjoni online jew ħamsa u tletin euro (€35) għal

reġistrazzjoni manwali.

(4) Produttur ma għandux jitqies li ġie rreġistrat jew li ġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sakemm ma jinħariġx avviż ta' rikonoxximent mill-awtorità kompetenti, li japprova l-applikazzjoni tal-produttur għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-avviż ta' rikonoxximent fi żmien:

(a) xahar (1) mid-data li fiha tirċievi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni; jew

(b) xahar (1) wara d-data li fiha tirċievi l-informazzjoni ulterjuri mitluba mill-awtorità kompetenti b'konnessjoni ma tali applikazzjoni, inkluż il-ħlas ta' kwalunkwe drittijiet, skont liema minnhom tiġi l-aħħar.

(5) Fejn il-produttur ma jibqax iqiegħed prodotti tal-plastik fis-suq li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1, il-produttur għandu japplika mal-awtorità kompetenti sabiex tħassar ir-reġistrazzjoni tiegħu fis-sena ta' wara dik li fiha jieqaf jagħmel dan. L-applikazzjoni għat-tħassir tar-reġistrazzjoni għandha tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4.

(6) Bla ħsara għall-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-persuna li tkun qiegħda tapplika sabiex tħassar ir-reġistrazzjoni tagħha relatata maż-żmien meta l-persuna kienet produttur reġistrat, l-awtorità kompetenti għandha tħassar ir-reġistrazzjoni tal-persuna b'effett mill-aħħar jum tas-sena li fiha dik il-persuna ma baqgħetx responsabbli li tirreġistra, u għandha tinforma lil dik il-persuna bil-miktub:

Iżda kwalunkwe informazzjoni pendenti għandha tiġi sottomessa mill-persuna lill-awtorità kompetenti meta tapplika sabiex tħassar ir-reġistrazzjoni tagħha skont is-subregolament (5).

(7) Kwalunkwe produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont dawn ir-regolamenti jew jonqos milli jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena, għandu jkun soġġett għal penali amministrattiva skont l-Iskeda 7.

(8) L-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur tista' tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' produttur f'ismu kif soġġett għall-kunsens tal-produttur. F'tali każijiet, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha tkun responsabbli għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, inkluż il-ħlas tal-penali amministrattiva msemmija fis-subregolament (7) u l-Awtorità tista' tikkoopera mal-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur fir-rigward ta' tali

dispożizzjonijiet.

Reġistrazzjoni u informazzjoni.

6. (1) L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont ir-regolament 5 għandu jkun fiha l-informazzjoni stipulata fit-Taqsima A tal-Iskeda 5 u l-applikazzjoni għat-tiġdid għandu jkun fiha minn tal-inqas l-informazzjoni ta' rappurtar stabbilita fit-Taqsima B tal-Iskeda 5.

(2) F'każ li d-data sottomessa skont is-subregolament (1) tinbidel, il-produttur rilevanti, jew fejn rilevanti, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għan-nom tiegħu, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bil-bidla sa mhux aktar tard minn xahar (1) wara t-tibdil.

(3) L-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tiġi sottomessa online jew bil-miktub u għandha tiġi ffirmata minn kwalunkwe mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4.

(4) Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-produttur reġistrat li jżomm l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) minn tal-inqas għal ħames (5) snin. Tali rekords għandhom ikunu reżi disponibbli fuq talba tal-awtorità kompetenti.

(5) Fejn produttur, jew fejn rilevanti, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għan-nom tiegħu, tonqos jew tirrifjuta li tissottometti applikazzjoni kompluta fi żmien xahar (1) mid-data tat-talba mill-awtorità kompetenti għal applikazzjoni kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni.

(6) L-awtorità kompetenti tista' tqis il-problemi partikolari ta' intrapriżi żgħar u medji fil-provvista ta' data dettaljata.

Awtorizzazzjoni biex topera bħala organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur. L.S. 549.63.

7. (1) Bla ħsara għar-Regolamenti dwar l-Iskart, kwalunkwe persuna li għandha l-intenzjoni li topera bħala organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur biex twettaq l-obbligi imposti f'dawn ir-regolamenti, għan-nom tal-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss kif elenkati fl-Iskeda 1 għandu jikseb awtorizzazzjoni valida mingħand l-awtorità kompetenti.

(2) L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha:

(a) tkun magħmula bil-miktub;

(b) tinkludi l-informazzjoni elenkata fit-Taqsima A tal-Iskeda 3;

(ċ) tkun iffirmata minn kwalunkwe firmatarji awtorizzati

msemmija fl-Iskeda 4;

(d) tkun akkumpanjata minn dritt mhux rifondibbli ta' ħames mitt euro (€500); u

(e) tkun akkumpanjata bi pjan ta' ħidma li jipprovdi l-informazzjoni msemmija fit-Taqsima B tal-Iskeda 3 li għandu jkun għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih il-pjan ta' ħidma msemmi fis-subregolament (2) għandu jkun disponibbli.

(4) L-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet inklużi fl-awtorizzazzjoni, *inter alia*, ir-rekwiżit li s-servizzi offruti mill-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandhom ikunu:

(a) miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-produtturi kollha mingħajr l-ebda diskriminazzjoni u tali parteċipazzjoni ma għandhiex tkun rifjutata jew revokata mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli; u

(b) imfassla sabiex jiġu evitati kwalunkwe ostakoli għall-kummerċ jew tixkil tal-kompetizzjoni skont ir-regolamenti rilevanti.

(5) L-Awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti għandha tkun valida għal perjodu ta' żmien stipulat fl-awtorizzazzjoni nnifisha.

(6) Meta l-awtorizzazzjoni mogħtija skont is-subregolament (4) tkun waslet biex tiskadi, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur li tixtieq tkompli topera bħala organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha, sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni:

(a) tissottometti applikazzjoni mal-awtorità kompetenti sabiex iġġeded l-awtorizzazzjoni mogħtija skont dawn ir-regolamenti;

(b) tipprovdi pjan ta' ħidma rivedut lill-awtorità kompetenti għall-operazzjoni tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur li jikkonforma mat-Taqsima B tal-Iskeda 3, iffirmat minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 4.

(7) It-tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex titħaddem organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur għandha tkun approvata meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta bil-kontenut tal-verżjoni riveduta tal-pjan ta' ħidma provdut kif meħtieġ skont is-subregolament (6)(b).

(8) Organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta'produttur għandha tħallas id-dritt kif preskritt fl-Iskeda 6 għal kull sena operattiva.

Informazzjoni u rappurtar.

8. (1) L-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha tissottometti rapport annwali lill-Awtorità fi żmien erba' (4) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena preċedenti. Ir-rapporti annwali għandhom jinkludi mill-inqas din l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista ta' produtturi li pparteċipaw fl-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur matul il-perjodu tar-rapportaġġ;

(b) il-kwantitajiet ta' prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati fl-Iskeda 1 imqiegħda fuq is-suq nazzjonali mill-produtturi li pparteċipaw fl-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur, bil-piż u bin-numru tal-oġġetti għa-perjodu ta' rapportaġġ speċifikat skont il-formati għar-rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

(ċ) il-kwantitajiet ta' skart wara l-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss kif elenkati fl-Iskeda 1, miġbura bħala rimi bl-addoċċ u permezz ta' sistemi pubbliċi ta' ġbir skont is-subregolament (7) tar-regolament 4, skont il-piż u n-numru ta' oġġetti matul il-perjodu ta' rappurtar skont il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

(d) id-dettalji fuq l-informazzjoni u l-kampanji mmirati għat-trawwim tal-għarfien iffinanzjati mill-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur skont is-subregolament (6) tar-regolament 4;

(e) kwalunkwe informazzjoni oħra kif speċifikata mill-Awtorità.

(2) Bla ħsara għall-konfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali, għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni kopja diġitali tar-rapport annwali imsemmi fis-subregolament (1) skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

L.S. 549.39.

(3) L-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta'

produttur għandha tagħmel użu mis-servizz ta' awditur indipendenti, approvat mill-Awtorità. L-awditur għandu jkun meħtieġ jiċċertifika li l-informazzjoni kollha irrapurtata lill-Awtorità hija konformi mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti u kif speċifikata fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha tiżgura li tiġi implementata proċedura għall-verifika adegwata li tittratta it-traċċibiltà, is-sorveljanza u l-kontroll sabiex tevalwa:

(a) l-immaniġġjar finanzjarju tagħha, inkluż l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolamenti 4; u

(b) il-kwalità tad-data miġbura u rrappurtata skont dawn ir-regolamenti.

(4) L-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha tissottometti r-rapport ta' verifika preparat skont is-subregolament (3) flimkien mar-rapport annwali imsemmi fis-subregolament (1).

(5) Bla ħsara għat-tħaris tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità ma' kwalunkwe leġislazzjoni rilevanti, l-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha trendi pubblikament disponibbli informazzjoni li tappartjeni:

(a) għas-sjieda u s-sħubija tagħha; u

(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-membri tagħha għal kull unità jew tunnellata mibjugħa ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss kif elenkati fl-Iskeda 1 u li huma mqegħda fis-suq Malta.

(6) L-organizzazzjoni awtorizzata ta' responsabbiltà ta' produttur għandha wkoll tissottometti rapport kull sitt (6) xhur lill-Awtorità fi żmien tliet (3) xhur kalendarji wara l-għeluq ta' tali perjodu, liema rapport għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fis-subregolament (1).

Reati.

9. Kwalunkwe persuna għandha tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tikkonfroma ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew xi ordni mogħtija legalment skont kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew rekwiżit impost skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) taġixxi bi ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(d) tassoċja ruħha ma', tgħin jew tħeġġeġ lil xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz inkluż reklamar, konsulenza jew akkwist sabiex twettaq xi ksur indikat fil-paragrafi (a) sa (ċ); jew

(e) tipprova twettaq xi ksur indikati fil-paragrafi (a) sa (d).

Pieni.

10. Kwalunkwe persuna li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha meta tinsab ħatja teħel:

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, multa li ma teċċedix elfejn tliet mija u tletin euro (€2,330);

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba jew sussegwentement, multa li ma teċċedix erbat elef sitt mija u sittin euro (€4,660):

Iżda l-Qorti tista' tordna lil kwalunkwe persuna li tinstab ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti sabiex tħallas l-ispejjeż imġarrba mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat, li tirrevoka il-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u li tikkonfiska l-*corpus delicti*, jekk applikabbli.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

11. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw, *mutatis mutandis,* għall-proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, madankollu, l-iskwalifika mill-ksib jew l-għoti ta' liċenzja, permess jew awtorità, fl-ebda każ ma għandu jkun għal inqas minn sena (1).

SKEDA 1

(regolamenti 2, 4, 5, 7, 8)

PRODOTTI TAL-PLASTIK LI JINTUŻAW DARBA BISS KOPERTI MINN DAWN IR-REGOLAMENTI

- Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fuq is-suq għall-użu flimkien ma' prodotti tat-tabakk.

SKEDA 2
(regolament 4)

DIKJARAZZJONI TA' PROKURA BIL-MIKTUB

Isem tal-produttur:

Indirizz:

b'dan jaħtar

Isem il-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta:

Indirizz:

bħala rappreżentant awtorizzat tal-produttur f'Malta skont regolament 4.

Isem il-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta:

b'dan jirrapreżenta u jassumi r-responsabbilitajiet bħala r-rappreżentant awtorizzat f'Malta għal

Isem il-Produttur:

skont ir-Regolamenti dwar ir-Responsabbiltà tal-Produttur (Filtri tat-Tabakk li fihom il-Plastik). A.L. 126 tal-2025.

Din il-prokura, iffirmata miż-żewġ partijiet, tidħol fis-seħħ mid-data tal-firma sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor u għandha tintemm ladarba xi waħda mill-partijiet tinforma lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li din il-prokura ġiet itterminata.

Min-naħa waħda,

Isem il-Produttur:

Firma:

Data:

Min-naħa l-oħra,

Isem ir-Rappreżentant Awtorizzat:

Firma:

Data:

SKEDA 3
(regolament 7)

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI SOTTOMESSA FUQ APPLIKAZZJONI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI BIEX TOPERA BĦALA ORGANIZZAZZJONI TA' RESPONSABBILTÀ TA' PRODUTTUR SKONT DAWN IR-REGOLAMENTI

Taqsima A: Informazzjoni li għandha tkun inkluża f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur

(a) Isem tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur;

(b) Isem l-operatur u, fejn l-operatur huwa sħubija, l-ismijiet tal-imsieħba kollha;

(ċ) L-indirizz u n-numru tat-telefon tal-uffiċju reġistrat tal-operatur jew, jekk mhux kumpanija, il-post prinċipali tan-negozju tal-operatur u jekk ikun hemm iktar minn operatur wieħed (1), tal-operaturi kollha; u

(d) Dikjarazzjoni ffirmata li l-informazzjoni provduta hija vera.

Taqsima B: Informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-pjan ta' ħidma għall-operazzjoni ta' organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur

(a) Kopja tal-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni;

(b) Kopja taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni maħruġ mir-Reġistru tal-Kumpaniji, fejn applikabbli;

(ċ) Pjan tan-negozju u pjan finanzjarju fir-rigward tal-organizzazzjoni proposta;

(d) Miżuri ta' Kontroll tal-Kwalità u Assigurazzjoni tal-Kwalità li għandhom jiġu addottati mill-organizzazzjoni proposta;

(e) Miżuri amministrattivi li għandhom jiġu addottati biex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-proċess;

(f) Kopja tar-regoli ta' sħubija tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) Deskrizzjoni tal-modalitajiet ta' kif għandhom jintlaħqu l-objettivi tar-regolament 4 flimkien mad-dettalji tal-istruttura tal-miżati għas-sħubija;

(h) Deskrizzjoni, inklużi l-ammonti proġettati skont il-piż u n-numru ta' oġġetti tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fuq is-suq nazzjonali minn produtturi li jipparteċipaw fl-organizzazzjoni;

(i) Proposti għall-kalkolu tal-ispejjeż imsemmija fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4;

(j) Proposti ta' kif l-informazzjoni msemmija fid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi kkumpilata u reża aċċessibbli għall-Awtorità;

(k) Kampanji maħsuba ta' għarfien pubbliku li għandhom jiġu ffinanzjati u, jew organizzati mill-organizzazzjoni proposta;

(l) Data prevista għall-bidu tal-attività;

(m) Kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti rikjesta minn dawn ir-regolamenti jew kif rikjesta mill-Awtorità.

SKEDA 4

(regolamenti 5, 6 u 7)

LISTA TA' FIRMATARJI AWTORIZZATI

Għall-finijiet tal-ħruġ u l-iffirmar ta' dokumentazzjoni uffiċjali inkluż korrispondenza, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta biss dokumentazzjoni mingħand produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata li tkun iffirmata minn waħda mill-persuni li ġejjin:

- Persuna fiżika, jekk il-produttur huwa persuna fiżika;

- Imsieħeb, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun sħubija;

- Direttur jew segretarju tal-kumpanija ta' dik il-kumpanija, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun kumpanija reġistrata f'Malta;

- Persuna li għandha kontroll jew ġestjoni tal-korp, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur

awtorizzata tkun korp mhux inkorporat;

- Il-president jew kwalunkwe membru ieħor tal-kumitat ta' ġestjoni, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun kooperattiva.

SKEDA 5
(regolament 6)

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN INKLUŻA F'APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI JEW TIĠDID

Taqsima A: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mar-reġistrazzjoni:

(a) Isem u indirizz tal-produttur u fejn:

(i) il-produttur huwa kumpanija, l-uffiċċju reġistrat;

(ii) il-produttur mhuwiex kumpanija, il-post prinċipali tan-negozju.

(b) Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;

(ċ) Il-Kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;

(d) Id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt li lilha l-awtorità kompetenti għandha tindirizza kwalunkwe komunikazzjoni;

(e) Dettalji dwar in-natura kummerċjali tal-produttur (eż. manifattur, importatur jew bejjiegħ mill-bogħod);

(f) Tip ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1;

(g) Dikjarazzjoni ffirmata li tiddikjara li l-informazzjoni pprovduta hija vera;

(h) Id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;

(i) Isem tal-Organizzazzjoni ta' Responsabbiltà ta' Produttur li tagħha l-produttur huwa membru u kopja tal-ftehim ma' tali organizzazzjoni.

Taqsima B: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mat-tiġdid

(a) Numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur u kwalunkwe kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;

(b) Il-Kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;

(ċ) Kwantitajiet tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 imqiegħda fis-suq nazzjonali, skont il-piż u n-numru tal-oġġetti għall-perjodu speċifiku ta' rappurtar skont il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

(d) Dikjarazzjoni ffirmata li tgħid li l-informazzjoni pprovduta hija vera;

(e) Id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni;

(f) Deskrizzjoni xierqa ta' kif id-data ġiet ikkumpilata, inkluża kwalunkwe spjegazzjoni ta' kwalunkwe stimi użati;

(g) Isem l-Organizzazzjoni ta' Responsabbiltà ta' Produttur li l-produttur huwa membru tagħha u affermazzjoni tal-ftehim ma' tali organizzazzjoni.

SKEDA 6

(regolament 7)

DRITTIJIET GĦAL ORGANIZZAZZJONI TA' RESPONSABBILTÀ TA' PRODUTTURI AWTORIZZATI

Il-dritt annwali għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

A*B = SF

fejn:

"A" huwa n-numru ta' produtturi reġistrati li jipparteċipaw fl-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur;

"B" huwa d-dritt ta' għaxar euro (€10) li jrid jitħallas għal kull produttur reġistrat li jipparteċipa fl-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur;

"SF" huwa d-dritt tal-organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur.

Id-dritt għandu jiġi mħallas lill-awtorità kompetenti fi żmien sitt (6) xhur wara t-tmiem tas-sena operattiva preċedenti.

SKEDA 7

(regolament 5)

SKEDA TA' PENALI AMMINISTRATTIVI GĦAN-NUQQAS TA' REĠISTRAZZJONI JEW GĦAN-NUQQAS TA' TIĠDID TA' REĠISTRAZZJONI

(1) Kwalunkwe produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont is-subregolament (1) tar-regolament 5 għandu jkun soġġett għall-penali amministrattiva ta' tletin euro (€30) għal kull 15,000 filtru tat-tabakk li jintuża darba biss u li fih il-plastik imqiegħed fis-suq, mill-ewwel tqegħid fis-suq ta' dawn it-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss sakemm japplika għar-reġistrazzjoni.

(2) Kwalunkwe produttur li jonqos milli jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena skont is-subregolament (2) tar-regolament 5 għandu jkun soġġett għall-penali amministrattiva ta' tletin euro (€30) għal kull 15,000 filtru tat-tabakk li jintuża darba biss u li jkun fih plastik imqiegħed fis-suq, mill-bidu tas-sena li fiha kellu jġedded sakemm japplika għat-tiġdid:

Iżda fejn l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur tkun qablet li tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni tal-produttur f'ismu, il-penali amminstrattivi hawn fuq msemmija għandhom, fi kwalunkwe każ, ikunu dovuti mill-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur li naqset milli tapplika jew iġġedded ir-reġistrazzjoni.